Kunsill Lokali L-Iklin Local Council

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 42 – L-ERBGĦA 12 TA' JANNAR 2022**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**42.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

42.1.1 Ma kienx hemm.

**42.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

42.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (41) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Emanuel Zammit issekonda.

42.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 42.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

42.3.1 Ma kienx hemm.

## 42.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

42.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar li l-applikazzjoni li kien daħħal il-Kunsill għal xogħlijiet fis-Sala tal-Kunsill kienet ġiet miċħuda mill-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku żied jgħid li issa se mmorru għall-Appell skedat għal 25 ta' Jannar.

42.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-kampanja nazzjonali 'Water – Be the change' fejn il-Kunsill qed jiġi mitlub permess biex issir promozzjoni fl-Iklin preċiżament fi Triq Dun Karm k/m Triq Ġużè Bonnici. Is-Sindku Dott. Sciberras qal li l-Kunsill għandu jappoġġja din il-kampanja nazzjonali u nilqgħu fostna lill-organizzaturi biex issir din il-promozzjoni permezz ta' *mobile unit* u distribuzzjoni ta' *vouchers* bieb bieb.

42.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberra informa li ntbagħtet ittra legali kontra l-Aġenzija Infrastructure Malta fuq il-proġett ta' Triq il-Wied. Kompla billi qal li bil-kelma t-tajba mhux qed naslu. Għaldaqstant irridu naraw x'ser jissuċċedi.

42.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar appell fuq applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp ta' pompa tal-petrol fi Triq Tal-Balal. Informa li fil-passat kien hemm applikazzjoni li kienet ġiet rifjutata fl-ewwel istanza u mbagħad ġiet miċħuda mill-Bord tal-Appell. Il-Kunsill ġie notifikat li l-applikant kien fetaħ kawża legali kontra l-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku spjega l-proċess fejn qal li jekk l-applikant ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni tal-appell, l-applikant ikun jista jiftaħ kawża biex tiddeċiedi l-Qorti.

Hija deċiżjoni tal-Qorti biex tara jekk il-Bord tal-Appell kienx ħa d-deċiżjoni tajba. Fil-każ li l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi mod ieħor, il-proċess ikollu jerġa jibda mill-bidu.

F'dan il-każ, il-Kunsill jerġa jiġi nnotifikat li daħlet applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp u l-Kunsill jerġa jieħu l-pariri tal-konsulenti tal-Kunsill.

42.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras irrelata dwar każ fi Sqaq Ġiarda fejn familja li qed tirranġa proprjetà fl-imsemmi sqaq qed tinsisti li l-Kunsill għandu jtella ħitan tas-sejjiegħ li kkollassa lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet. Is-Sindku informa li l-ħitan tas-sejjiegħ huwa tal-privat. Fil-frattemp, is-sid/okkupant tal-għalqa kien għamel numru ta' rapporti mall-Għassa tal-Pulizija peress li l-imsemmi ħitan kien qed jintlaqat minn inġenji li kienu qed jaċċessaw dan l-isqaq biex jaħdmu fuq proprjetà li qed tinbena aktar 'il fuq. Naturalment, is-sid/l-okkupant tal-għalqa qed jitlob li min għamel il-ħsara/danni fuq il-proprjetà tiegħu irid jirranġa.

Is-Sindku spjega li s-sitwazzjoni hija kemmxejn kumplessa għaliex din il-familja qed tinsisti li fil-parti ta' fejn ikkollassa l-ħitan tas-sejjiegħ qed iċċedi t-triq u għal darb'oħra qed jinsisti li l-Kunsill għandu jirrimedja. Żied jgħid li l-Kunsill kien irċieva protest ġudizzjarju minn din il-familja u naturalment il-Kunsill kellu jitlob l-assistenza legali biex inwieġbu u sar kontro-protest. Riċentement għaddiet korrispondenza permezz ta' ittra elettronika biex naraw jekk nistgħux insibu soluzzjoni paċifika. Is-Sindku ikkonkluda li se jkompli jirrelata lill-Kunsill dwar aktar żviluppi fuq dan il-każ.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara l-*istreet naming Committee* approvat l-ismijiet il-ġodda tat-toroq Mons. Carmelo Aquilina bħala l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa Familja Mqaddsa u l-E.T. Mons. Arċisqof Ġiuseppe Mercieca li kien strumentali fit-twaqqif tal-Parroċċa Familja Mqaddsa fejn waqqaf l-Iklin bħala żona pastorali awtonoma, kien imiss li ssir ċerimonja ċkejkna imma sinjifikanti biskwit il-knisja peress li l-ismijiet tat-toroq ġodda imissu mall-knisja parrokjali. Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara li tkellimna mall-W. Rev. Kappillan, ġie ppreparat programm ċkejken għal nhar il-Ħamis, 10 ta' Frar – Festa Pubblika – Jum il-Festa tan-nawfraġju ta' San Pawl fejn wara l-quddies tat-8.30a.m. issir preżentazzjoni mill-Prof. Charles Briffa resident mill-Iklin fejn ser jippreżenta l-

biografija ta' dawn iż-żewġ personalitajiet ekklesjastiċi li ċertament ħallew marka fuq il-lokalità tal-Iklin, segwit minn diskors qasir tas-Sindku Dott. Sciberras u l-kelma tal-W. Rev. Kappillan. Din iċ-ċerimonja m'għandhiex tieħu aktar minn 20 mins u ser jiġu mistiedna l-familjari tal-Mons. Carmelo Aquilina. Intagħżlet il-ġurnata tal-10 ta' Frar għaliex proprju f'din il-ġurnata, l-Mons. Carmelo Aquilina kien jiċċelebra sninu. Qbil unanimu mill-Kunsillieri preżenti.

42.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-kuntrattur appuntat kien ser jibda trattament fuq bankina eżistenti li tiġi wara l-knisja fil-jiem li ġejjin peress li kien saret perikoluża u fejn ser jiġi applikat anti-slip solution ai fini ta' saħħa u sigurtà għall-pubbliku.

42.4.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li rigward il-proġett WIFI4EU, iltqajna mall-fornitur fejn qed isir assessjar dwar fejn ser jiġu implimentati l-access points peress li l-Kunsill kien identifika żewġ siti fil-lokalità. Peress li l-Kunsill irid jipprovdi *supply* ta' dawl, qed isiru diskussjonijiet ma' żewġ entitajiet fil-lokal biex naraw il-possibiltà li naslu fi ftehim magħhom biex il-Kunsill ikun jista jimplimenta dan il-proġett li se jkun mifrux fuq perjodu ta' ħames snin.

42.4.8 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien irċieva komunikat mill-i*street naming committee* biex il-Kunsill jikkunsidra li t-triq li hija magħrufa bħala t-Telgħa tal-Għaqba tiġi uffiċċjalizzata u tidħol fir-reġistru ta' Malta. Kien hemm qbil unanimu li t-Telgħa għall-Kulleġġi ser ikollha isem uffiċċjali bħala Triq it-Telgħa tal-Għaqba.

42.4.9 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kien għadda l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2022 li ser tkun tlaħħaq Eur312,687.00. Fil-jiem li ġejjin se nkunu qed naħdmu fuq l-estimi finanzjarji u jiġu kkonfermati wara li ssir il-laqgħa tal-lokalità.

42.4.10 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien qed jistenna r-rakkomandazzjoni tal-Perit dwar l-implimentazzjoni ta' *raised hump* fi Triq Erin Serracino Inglott.

## 42.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

42.5.1 Ma kienx hemm.

## 42.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

42.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-7 ta' Diċembru 2021u l-10 ta' Jannar 2022 kif jidher fid-dokumenti A u B.

42.6.2 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2337/21. Preparazzjoni ta' ittra bl-avukat fuq il-każ ta' Sqaq Ġiarda.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien irrelata dwar din il-korrispondenza fil-komunikazzjoni tas-Sindku.

42.6.3 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2349/21. Talba lill-Kunsill għall-użu tas-Sala tal-Kunsill biex isiru sessjonijiet privati tal-Yoga.

Is-Sindku wieġeb li f'dan l-istadju kien aktar importanti li nistennew l-eżitu tal-appell li għandna mal-Awtorità tal-Ippjanar biex inkunu nistgħu nkomplu bil-pjanijiet li għandu l-Kunsill fosthom il-programm Anzjanità Attiva li se jkun qed isir konġunt mall-Kunsill ta' Ħal Balzan. Fil-preżent hemm ukoll Iklin Scout Group li qed jagħmlu użu minn dan il-fond. Kif appena nirranġaw is-Sala għall-bżonnijiet tal-Kunsill, titfassal policy dwar kif ser tibda tinuża u minn min għandha tintuża. Din it-talba mhiex skema li ħareġ id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

42.6.4 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 2360/21. Talba minn resident biex il-Kunsill jintroduċi cat shelter fi Triq il-Klin peress li hemm qtates abbandunati u jixirqilhom kenn mill-elementi.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill diġa bbenifika minn skema biex nissupplixxu ikel lil *cat feeders* li huma rreġistrati mall-Kunsill. Minkejja li ma reġgħetx ħarġet din l-iskema, il-Kunsill huwa kommess li jibqa jsostni lil cat feeders b'ikel għal dawn il-ħlejjaq għax verament jemmen fil-ħarsien tal-annimali.

Biex isir pass ieħor 'il quddiem, is-Sindku talab lill-Kunsillier responsabbli Godwin Catania biex jara jekk is-sotto-kumitat kienx iddiskuta dan is-suġġett biex fil-każ issir talba għall-kwotazzjonijiet u nerġgħu nirrelataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Godwin Catania ikkonferma li dan is-suġġett kien diskuss f'waħda mill-laqgħat tas-sotto-kumitat u kienu ġew identifikati siti proposti għal numru ta' *cat shelters*.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li kien importanti li s-sotto-kumitat jasal fi ftehim ma' persuni li jkunu lesti jieħdu ħsieb il-*cat shelters* biex tinżamm l-indafa.

42.6.5 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 0020/22. Talba għall-kumpens.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill permezz tal-Avukati tal-Kunsill qed jitlob ġustifikazzjoni tal-ispejjeż u kif ikkwantifika l-pretensjoni tiegħu.

42.6.6 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 0023/22. Aċċettazzjoni tan-nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku Dott. Sciberras spjega li bil-liġi l-Kunsill irid ikollu Deputat Segretarju Eżekuttiv biex fl-eventwalità li s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista jaġixxi, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikun jista jżomm il-kontinwità biex l-operat tal-Kunsill jibqa għaddej b'mod normali.

42.6.7 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 0040/21. SPI.SCI.9.2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2022.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li aktar 'il quddiem ser titla item fuq l-agenda għad-diskussjoni.

42.6.8 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 0034/21. Appell nru. 39/21 – Triq Anton Manoel Caruana.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Awtorità tal-Ippjanar iddeferixxa l-aċċess u għal data oħra.

42.6.9 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 2348/21. Talba għall-assenjar ta' ħaddiem mall-Kunsill Lokali L-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li saru talbiet lil tliet entitajiet biex il-Kunsill jassenja ħaddiem/a peress li l-persuna assenjata waslet biex tirtira biż-żmien.

Preżentement qed nitkellmu ma' RSS Ltd, Community Workers Scheme Enterprise Foundation, u Engineering Resources Ltd.

42.6.10 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 0039/21. Tneħħija ta' *collapsible bollards* proprjetà tal-Kunsill fi Triq San Mikiel.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Aġenzija Infrastructure Malta għamlet xogħlijiet fi Triq in-Naxxar u l-kuntrattur appuntat qaċċat l-imsemmija collapsible bollards u ma ġewx implimentati oħrajn. L-Uffiċċju Amministrattiv kiteb lill-Aġenzija b'dan fejn tat struzzjonijiet biex jimplimenta l-istess numru ta' *collapsible bollards*. Il-Kunsill jikkonferma li din l-għamara tat-triq ġiet implimentati a sodisfazzjon tal-Kunsill.

**COMPLAINTS SHEET (7 ta' Dicembru 2021 - 10 ta' Jannar 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 292 | 07/12/2021 | Bozza tixgħel u titfi fuq arblu fi Triq Stefano Erardi c/w Triq il-Mużika. | settled | Triq Stefano Erardi c/w Triq il-Muzika | **ENEMALTA** |
| 293 | 10/12/2021 | Bozza mal-ħajt mitfija ma' residenza nru. 77 Pjazza Ninu Cremona. | settled | Pjazza N Cremona | **Kuntrattur** |
| 294 | 11/12/2021 | Bozza mal-ħajt mitfija u bla shade, 21, Triq Ġwann Mamo | settled | 21, Triq Ġ Mamo | **Kuntrattur** |
| 295 | 11/12/2021 | Triq niżlet quddiem 9, Triq Ġ Mamo, kienet saret trinka | settled | 9, Triq G Mamo | **COUNCIL** |
| 296 | 11/12/2021 | (2) bozoz mitfija fi Triq il-Ħarruba L05828 u L05928 | settled | 44, Triq il-Harruba | **ENEMALTA** |
| 297 | 14/12/2021 | Bozza mal-ħajt mitfija ma' residenza nru. 68,Triq Ġ.Galea | settled | 68,Triq G.Galea c/w Triq P.M.Vella | **Kuntrattur** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 298 | 14/12/2021 | Talba biex jinżabru s-siġar fuq bankina quddiem 18, Grafspree, Triq Ġ Pesci (new) | pending | 18, Triq G Pesci | **Kuntrattur** |
| 299 | 14/12/2021 | Ilment li hemm madum miksur fuq bankina fi Triq il-Wied c/w Triq il-Plejju u qed jidħol l-ilma ġewwa | pending | 1, Triq il-Plejju | **Infrastracture Malta** |
| 300 | 15/12/2021 | Talba għall-implimentazzjoni ta' traffic mirror fi Triq Ġ Abos kif toħroġ minn Triq il-Klin | pending | Dartana, Triq il-Klin | **COUNCIL** |
| 301 | 15/12/2021 | Hemm parapett ta' stabbiliment tan-negozju fi Triq il-Mużika mimli mbarazz u qed ikun allegat li hemm infestazzjoni ta' ġrieden | settled | 33, Triq il-Mużika | **COUNCIL** |
| 302 | 17/12/2021 | 23, Triq Ġ Curmi, WSC stopcock cover miksur | settled | 23, Triq Ġ Curmi | **WSC** |
| 303 | 17/12/2021 | Ħajt tas-sejjiegħ imwaqqa fi Triq Għargħur 'il fuq mir-Razzett L-Abjad faċċata. | Settled | Triq Razzett l-Aħmar | **COUNCIL** |
| 304 | 18/12/2021 | Talba biex jinbidel l-isem ġdid fi Triq G Pesci | In the process | Triq Ġ Pesci | **COUNCIL** |
| 305 | 21/12/2021 | *Road Patching* on Triq G M Azzopardi, Triq il-Ħarruba u Triq Għargħur | settle | various | **COUNCIL** |
| 306 | 28/12/2021 | Familja fi Triq il-Wied qed tilmenta li għandha *stoppage* fid-drenaġġ. Ħaddiema tal-WSC qalulha li hemm il-ġebel. | settled | Triq il-Wied | **Infrastracture Malta** |
| 307 | 28/12/2021 | Familja fi Triq il-Wied qed tilmenta li instaddilha d-drenaġġ. | pending | Triq il-Wied | **Infrastracture Malta** |
| 308 | 30/12/2021 | Kaptell imkisser quddiem residenza nru. 180 Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 309 | 05/01/2022 | Fi Triq il-Wied mal-proġett saru l-parking bays u residenta qed issib problema biex toħroġ mill-garaxx fi Triq il-Wied peress li qed ikun hemm il-vetturi pparkjati. Hi ma tarax min ikun nieżel u l-vetturii ma' jarawx ħierġa mill-garage. Tixtieq li ssir implimentazzjoni ta' traffic mirror mall-faċċata. | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 310 | 05/01/2022 | Hemm siġra tal-larinġ iffullat f'Wesgħa Lewis JB Scicluna. Biex tinżabar. | settled | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **Kuntrattur** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 311 | 06/01/2022 | Ilment dwar kaptell maqlugħ fi Triq in-Naxxar. | Pending | Triq in-Naxxar | |
| 312 | 06/01/2022 | Fi Triq Ċensu Busuttil, fejn doggy bin qed iħallu borza li mhux tinġabar. | Pending | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 313 | 06/01/2022 | Bozza mitfija fit-Triq iż-Żebbuġa faċċata ta' residenza nru. 2. | Pending | Triq iż-Żebbuġa | **ENEMALTA** |
| 314 | 07/01/2022 | Talba ta' bozza fi Triq P.M.Vella fil-komun ta' numru ta' garages. | Pending | Triq P.M.Vella | **COUNCIL** |

## 42.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

42.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo.

42.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Farrugia, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

42.7.4 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' manutenzjoni fuq l-entrata tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill mingħand il-fornitur AS Solutions Ltd għall-prezz ta' Eur141.60c VAT inkluż. *Nem con*.

## 42.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

42.8.1 Ma kienx hemm.

## 42.9 LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

42.9.1 Skont l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ammendat XXI.1999.3.32; XVI.2009.39; XIV.2019.58. l-Artiklu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, jitlob li tissejjaħ laqgħa tal-lokalità fejn jiġu mistiedna r-residenti kollha li isimhom ikun jidher fir-Reġistru Elettorali biex il-Kunsill Lokali jisma l-vuċi tar-resident biex il-*budget* jitfassal wara li tkun saret konsultazzjoni pubblika mal-istess residenti.

Is-Sindku Dr. Sciberras ippropona d-data tat-3 ta' Frar 2022 issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex tinżamm il-Laqgħa annwali tal-lokalità. *Nem con*.

42.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jipprepara l-avviż u tintbagħat ċirkolari lir-residenti kollha li jirrisiedu fl-Iklin u post il-paġna tal-facebook tal-Kunsill.

42.9.3 Kien deċiż unanimament li l-laqgħa tal-lokalità tinżamm fis-Sala tal-Kunsill fi Triq Dr. L. F. Mizzi nhar il-Ħamis, 3 ta' Frar 2022 fis-6.00 p.m. filwaqt li ser jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji skont l-istandards maħruġa mill-Awtorità tas-Saħħa Pubblika.

## 42.10 PERFORMANCE BONUS APPRAISAL TAL-IMPJEGATI GĦAS-SENA 2022

41.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' rakkomandazzjoni flimkien mal-*Appraisal Report* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-*Appraisal Report* tal-Assistent Uffiċċjal Prinċipal u tal-Uffiċċjal Eżekuttiv u cioè l-massimu ta' 6%.

Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. E)**

## 42.11 APPRAISAL REPORT U L-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAS-SENA 2022

42.11.1 Is-Sindku Dr. Sciberras ressaq l-Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

42.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja x-xogħol li wettaq is-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2021 u ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u fejn kien deċiż mill-Kunsillieri preżenti l-massimu cioè10%.

42.11.3 Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri tal-fiduċja sħiħa tagħhom.

**(Ara dok. F)**

## 42.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' INCREMENT TAL-IMPJEGATA FIL-GRAD TA' UFFIĊĊJAL EŻEKUTTIV FI SKALA 13.

42.12.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa li wara li l-Kunsill kien approva il-massimu ta' 6% Performance Bonus lill-Uffiċċjal Eżekuttiv, jidher evidenti li l-livell ta' performance huwa wieħed sodisfaċenti.

42.12.2 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-preżenti li skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Riżorsi Umani, kull impjegat li ma jkunx fil-massimu tal-iskala tas-salarju li fiha jkun ġie impjegat ikun intitolat għal *increment* kull sena f'dik l-iskala, u dan sakemm jintlaħaq il-massimu ta' dik l-iskala.

42.12.3 Fuq dan il-punt, is-Segretarju Eżekuttiv għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill wara li ġiet evalwata l-ħidma biex l-Uffiċċjal Eżekuttiv titla fis-sitt *notch* tal-iskala.

42.12.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill japprova l-*increment*.

42.12.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 42.13 SKEMA GĦALL-ATTIVITAJIET KULTURALI ANNWALI 2022

42.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta *briefing* dwar l-iskema li nieda d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy lejn l-aħħar tas-sena 2021 fejn qed jistieden lill-Kunsilli Lokali biex jissottomettu proposti għall-attivitajiet kulturali għas-sena 2022.

42.13.2 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras qal li tkun ħaġa sabiħa li fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha nippruvaw inwasslu messaġġ ta' tama lill-komunità tal-Iklin sakemm l-attività proposta tkun COVID-19 friendly. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni u ressaq ideja lis-sotto-kumitat tal-kultura biex jaħdem fuq attivitajiet online bħal kompetizzjoni tal-fotografija/tpinġija, u forsi jkunu jistgħu isiru laqgħat mal-esperti dwar suġġetti li jitrattaw fuq l-ambjent u n-natura permezz ta' Microsoft Teams jew mezzi oħra.

Wara diskussjoni, żvolġiet l-ideja li tittella *infiorata* fl-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona fejn minħabba r-restrizzjonijiet u l-protokolli *in vigore*, il-konċentrazzjoni tal-attività kulturali għandha tkun esibizzjoni ta' xitel tal-petunia li ssir fix-xhar sabiħ ta' Mejju. Is-Sindku saħaq li din l-attività kulturali bit-tema 'Festa Fjuri' oriġinat fl-Iklin u għalhekk irridu naħdmu biex dak li welled il-Kunsill snin ilu nibqgħu naħdmu fuqu u nsaħħuħ.

Kien hemm qbil ukoll li din l-*infiorata* tkun qed tittella fuq perjodu ta' erbat ijiem mill-Ħamis sal-Ħadd biex il-komunità tal-Iklin u viżitaturi oħra jkunu jistgħu igawdu dan l-ispazju miftuħ li jiġi trasformat f'ambjent sabiħ bil-fjuri u fejn il-viżitaturi jistgħu jammiraw disinn maħdum bix-xitel tal-petunia.

B'dan il-mod, il-Kunsill ma jkunx qed jattira lill-pubbliku f'ħin wieħed għaliex mhux se jkun hemm programm tal-attivita'. Il-viżitaturi jkunu jistgħu jiġu mall-ħin tal-ġurnata. L-attività kulturali tista tieħu l-istess isem bħal ma sar f'edizzjonijiet passati 'Festa Fjuri' iżda tkun ridotta għal *infiorata*.

Żied jgħid li l-Kunsill ikun jista jitkellem ma' fornitur lokali dwar il-possibiltà li minbarra x-xitel li jkun jista jitqassam fl-aħħar tal-attività, il-Kunsill jagħmel distribuzzjoni ta' żerriegħa lill-komunità tal-Iklin.

42.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li *deadline* tal-applikazzjoni kienet tagħlaq nhar is-26 ta' Jannar filwaqt li ppropona li l-Kunsill jista jsejjaħ laqgħa mal-Uffiċċjal Kulturali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant biex niskambjaw l-idejat u min-naħa tagħha toffri l-*input* professjonali tagħha meta l-Kunsill jiġi biex jissottometti l-applikazzjoni.

42.13.4 Is-Sindku Dott. Sciberras talab lill-Kunsillieri responsabbli mill-qasam tal-kultura biex jiffissaw laqgħa fl-immedjat biex il-Kunsill ikun jista jonora *deadline*.

42.13.5 Il-Kunsillieri Emanuel Zammit u Bernice Farrugia se jkunu qed jikkordinaw mas-Segretarju Eżekuttiv biex jaħdmu fuq il-loġistika.

42.13.6 Fuq l-aspett finanzjarju, is-Sindku Dott. Sciberras qal li kien wasal iż-żmien li l-Kunsill ma jserraħx fuq entitajiet oħra biex jakkwista x-xitel iżda grazzi għal din l-opportunità li qed iniedi d-Direttorat, inkunu nistgħu napplikaw għall-fondi biex inkunu nistgħu nużaw il-fondi speċifikament biex isir l-akkwist tax-xitel wara li jinġiebu l-kwotazzjonijiet.

42.13.7 Wara diskussjoni wiesgħa, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex japplika għal din l-iskema. L-attività kulturali tkun tista ssir suġġett li l-Kunsill jottjeni l-permess mingħand l-Awtorità tas-Saħħa Pubblika.

42.13.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 42.14 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FL-IKLIN

42.14.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ diskussjoni dwar miżuri ta' sigurtà fit-toroq tal-Iklin. Informa li kien avviċinat minn residenti li jkunu qed jgħaddu bir-riġel fil-parti ta' fuq tal-Iklin, preċiżament fi Triq il-Ħwawar fejn l-imsemmija triq tidjieq b'mod li vetturi mhux suppost jaċċessaw din it-trejqa b'ċertu veloċità. Però l-periklu qiegħed u jeħtieġ li jsir xi ħaġa fil-konkret.

Barra minn hekk, għad hemm min qiegħed jabbuża u jgħaddi kontra l-one-way. L-infurzar ma jistax ikun 24/7 f'din it-triq u għaldaqstant il-Kunsill jista jikkunsidra li jimplimenta (2) speed humps fil-parti kruċjali tal-imsemmija triq jew aħjar sqaq.

42.14.2 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jipprepara talba formali lill-Awtorità kompetenti għall-approvazzjoni ta' (2) speed humps.

42.14.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo għall-approvazzjoni u l-awtorizazzjoni tax-xiri tal-imsemmija *speed humps*.

42.14.4 Il-Kunsill approva unanimament suġġett li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tapprova t-talba.

42.14.5 Ġie diskuss ukoll l-ispazju miftuħ fi Triq Dun Karm k/m Triq in-Naxxar fejn xi residenti qed jilmentaw li qed isir abbuż mill-parkeġġi u għaldaqstant qed jitlolbu lill-Kunsill biex jiġu organizzati *line markings*.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Perit kien ħejja disinn għal dan l-isapzju miftuħ fejn id-disinn kien jipprovdi *soft landscaping* (proposed orange grove) u spazju għall-parkeġġi biex tingħata dehra isbaħ u l-parkeġġ ikun wieħed organizzat.

42.14.6 Wara diskussjoni, kien deċiż li d-disinn propost jiġi ċċirkolat lill-Kunsillieri biex jarawh u dan l-item jerġa jiġi diskuss f'seduta.

42.14.7 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien qed jirċievi numru ta' talbiet dwar l-implimentazzjoni ta' traffic mirrors f'diversi toroq fil-lokalità. Semma li hemm talbiet pendenti għaliex uħud minn dawn it-talbiet qed isiru minn persuni individwali. Żied jgħid li f'ċertu sitwazzjonijiet, il-Kunsill irid jitratta dawn it-talbiet każ b'każ għaliex jekk jeżisti element ta' periklu, ma nistgħux ma tittieħidx xi forma ta' azzjoni. Fir-rigward tat-talba li għandna minn resident li jirrisiedi fi Triq il-Wied, tfaċċat diffikultà wara li sar il-proġett ta' Triq il-Wied fejn l-Aġenzija Infrastructure Malta organizzat *line markings* fi Triq il-Wied u l-vetturi pparkajti qed joħolqu ostaklu għal min ikun ħiereġ minn *drive-in*.

Imbagħad is-Sindku stieden lill-Kunsillieri biex jagħtu l-veduti tagħhom dwar dan is-suġġett.

42.14.8 Il-Kunsillier Godwin Catania ikkummenta li hu kien jaqbel li t-talbiet jiġu kkunsidrati każ b'każ u jekk l-individwu qed jiffaċċja diffikultà kull darba li jiġi biex joħroġ mill-garage, il-Kunsill irid jifhem li jeżisti periklu u anke jekk l-immaniġġjar tat-traffiku li jkun ser jiġi mplimentat ma jkunx qed isir biex jinqeda kulħadd, xorta waħda l-Kunsill għandu jara kif jelimina kull periklu.

42.14.9 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ukoll għamel il-kumment tiegħu dwar dawn it-talbiet u qal li fil-prinċipju jaqbel li l-Kunsill għandu jwettaq jew jattwa immaniġġjar tat-traffiku li jgawdi minnu kulħadd dak li jissejjaħ il-ġid komuni. Iżda ikkonkluda li f'ċertu istanzi, il-livell ta' periklu f'ċertu toroq huwa ferm akbar minn toroq oħra residenzjali fl-Iklin u għaldaqstant dawn it-talbiet għandu jiġu kkunsidrati każ b'każ.

42.14.10 Wara diskussjoni, kien deċiż b'mod unanimu biex il-Kunsill jagħmel talba formali lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex jiġu kkunsidrati t-talbiet għall-implimentazzjoni ta' *traffic mirrors* fi Triq il-Wied, u Triq Ġeronimo Abos.

**42.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

42.15.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar 2022 fil-5.30 p.m.

42.15.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Frar 2022 fil-5.30 pm.

42.15.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.55 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |